MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 20/2009/1

**Maria Assunta Spiteri**
**v.**
**Joseph Micallef u Dorianne Micallef**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-attrici Maria Assunta Spiteri minn sentenza ta' ritrattazzjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Sezzjojni Generali, fil-14 ta' April 2009 li laqghet l-ewwel eccezzjoni tar-ritrattati u cahdet it-talbiet tar-ritrattanda stante li t-talba ta' ritrattazzjoni ma setghetx tigi ammessa. Spejjez kontra r-ritrattanda.

Ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell, il-Qorti qeghda tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

“Il-Qorti;

“Permezz ta’ din il-procedura[1] ir-rikorrenti qeghda titlob li l-qorti tordna r-revoka u thassir tas-sentenza li nghatat fl-4 ta’ Frar 2009 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Micallef et vs Dorianne Micallef** (Rikors numru: 59/2007) u sabiex tordna smiegh mill-gdid tal-kawza. F’dik il-kawza r-ritrattati kienu qeghdin jitolbu li r-ritrattanda tigi kundannata tersaq ghall-pubblikazzjoni ta’ att sabiex tittrasferixxi garaxx bin-numru 7A, Triq ic-Cief, Ghajnsielem, Ghawdex skond kif pattwit permezz ta’ konvenju li sar fil-21 ta’ Awwissu 2006. Permezz tas-sentenza li nghatat fl-4 ta’ Frar 2009, il-qorti filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tar-ritrattanda, laqghet it-talbiet tar-ritrattati u ordnat li l-pubblikazzjoni tal-kuntratt issir nhar it-Tnejn, 23 ta’ Marzu 2009 f’12.00 p.m. fil-bini tal-qorti. Sussegwentement b’digriet moghti fl-20 ta’ Marzu 2009 il-qorti ordnat is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza sakemm tinghata decizjoni dwar dan il-procediment. Il-bazi tar-ritrattazzjoni hu l-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 in kwantu r-ritrattanda ssostni li fis-sentenza tal-4 ta’ Frar 2009 il-qorti applikat il-ligi hazin, in kwantu:-

“(a) Il-kaz ma kienx jittratta biss minn simulazzjoni izda wkoll zball, u l-qorti kellha tapplika l-Artikolu 974 tal-Kodici Civili.
“(b) Il-qorti kienet zbaljata meta ddikjarat li l-eccezzjoni ta’ simulazzjoni u ta’ qerq huma kontradittorji.
“(c) L-applikazzjoni tal-Artikolu 1212 abbinat mal-Artikolu 966 tal-Kodici Civili huma wkoll applikazzjoni hazina tal-ligi.

“Fir-risposta prezentata fit-30 ta’ Marzu 2009, ir-ritrattati jsostnu b’mod preliminari li gialadarba r-ritrattanda ma appellatx mis-sentenza tal-4 ta’ Frar 2009, ma tistax

[1] Rikors prezentat fil-5 ta’ Marzu 2009.

tressaq talba ghal ritrattazzjoni. Isostnu li r-ritrattanda kellha taghmel uzu mir-rimedju tal-appell u mhux ta' ritrattazzjoni li hu rimedju straordinarju.

"F'dan l-istadju ser tinghata sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni. Fil-fatt fis-seduta tat-2 ta' April 2009 xehedet ir-ritrattanda, limitatament fuq dan l-aspett tal-vertenza, u saret trattazzjoni verbali mid-difensuri tal-partijiet.

"Fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Micallef et vs Dorianne Micallef** (Rikors numru: 59/2007), ir-ritrattanda kienet ipprezentat risposta guramentata u xehedet ukoll. Pero` fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2008 ghalkemm kellha tressaq il-provi, naqset milli tidher. F'dak l-istadju l-qorti ddikjarat maghluq l-istadju tal-provi taghha. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tat-2 ta' Ottubru 2008 fid-9.00 a.m. Ir-ritrattanda pprezentat nota ta' sottomissjonijiet fl-1 ta' Ottubru 2008 u fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2008 il-kawza giet differita ghas-seduta tal-10 ta' Ottubru 2008. F'dik is-seduta r-ritrattanda ma dehritx. Fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2008, li ghaliha r-ritrattanda regghet ma deheritx izda deher id-difensur taghha, il-qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u ordnat li jidher in-nutar Dr Andre' Farrugia sabiex isirulu domandi mill-qorti. Il-kawza giet differita ghas-seduta tal-11 ta' Novembru 2008, liema seduta ma saritx fuq ordni tal-qorti. Il-kawza baqghet differita ghas-seduta tal-10 ta' Dicembru 2008 meta n-nutar Dr Andre' Farrugia ta x-xhieda tieghu. Ir-ritrattanda regghet naqset milli tidher, ghalkemm deher id-difensur taghha. Wara li nstema' n-nutar Farrugia l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-4 ta' Frar 2009.

"Wara li l-qorti semghet ix-xhieda tar-ritrattanda tixhed fis-seduta tat-2 ta' April 2009, m'hemmx dubju li dan hu kaz ta' negligenza min-naha taghha. Tghid li saret taf li kienet inghatat sentenza meta fettlilha ccempel il-qorti biex tivverifika d-data ghal meta kienet differita l-kawza. Dakinhar giet infurmata li l-kawza kienet giet deciza. Pero ma tiftakarx il-gurnata meta saret taf li l-kawza kienet giet deciza. F'dak l-istadju kkomunikat mad-difensur taghha li ma kellux triq ohra ghajr li jipprova jsalva dak li kien insalvabbli billi jipprezenta kawza ta' ritrattazzjoni peress li

meta kkomunikat mieghu kien diga' skada t-terminu sabiex isir appell. L-Artikolu 812 tal-Kap.12 jiprovdi:

"*"Ir-ritrattazzjoni ta' kawza deciza b'sentenza moghtija minn qorti tal-ewwel grad, u li ghaddiet f'gudikat, tista' tinghata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wiehed mill-kazijietijiet imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan,* ***basta li l-parti tkun giet taf bil-fatti illi minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun ghalaq iz-zmien tal-appell.****".*

"Il-qorti m'ghandix dubju li l-fatt li f'xi stadju tal-kawza r-ritrattanda ma komplitx issegwi l-kors taghha ma jatix dritt li tirrikorri ghall-procedura straordinarja ta' ritrattazzjoni. Din il-qorti diga' kellha okkazzjoni li tikkunsidra kaz simili fil-kawza **Carmel Attard et vs Tarcisio Azzopardi et** deciza fit-2 ta' Ottubru 2008. Ir-ritrattanda hadet sehem attiv fil-procediment u fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2008 (l-ahhar seduta qabel inghatat is-sentenza) kien deher id-difensur taghha. Jekk ir-ritrattanda ma komplietx issegwi l-perkors tal-kawza mhu tort ta' hadd ghajr taghha. Procedura ta' ritrattazzjoni m'ghandha qatt tiehu post l-appell, li wara kollox seta' facilment sar bi ftit ghaqal min-naha tar-ritrattanda kieku baqghet issegwi l-progress tal-kawza. Fil-kawza fl-ismijiet **Saviour Cilia et vs Gasan Insurance Agency Limited et** deciza mill-Qorti tal-Appell[2] fis-6 ta' Ottubru 2004, ir-ritrattand kien qieghed isostni li l-Artikolu 812 tal-Kap. 12 ma japplikax ghaliex ghalkemm kien notifikat bl-avviz u appuntament ta' smiegh u ma deherx il-qorti ma kienx gie notifikat bis-sentenza. Gustament il-Qorti tal-Appell osservat:

"*"Dan huwa veru izda b'daqshekk m'ghandux ukoll ifisser illi hu ma kienx jaf bis-sentenza ghax hu messu kien jaf biha kieku ndenja ruhu jidher quddiem il-Qorti biex jikkontesta t-talba jew ghallanqas li jsegwi l-perkors taghha. Certament, fil-fehma ta' din il-Qorti huwa ma jistghax jippretendi li ghall-inerzja tieghu ghandu jigi premjat bir-rimedju tar-ritrattazzjoni. Proprju ghax straordinarju dan ir-rimedju, ma jidherx li hu miftuh lil kull*

[2] Imhallef P. Sciberras.

*min jommetti d-difiza jew ihalli l-kawza tigi deciza u t-terminu tal-appell jiddekorri biex imbaghad jirrikorri ghall-istess rimedju. Kif rilevat fis-sentenza fl-ismijiet "***Attilio Crescuoli noe -vs- Negte Salvatore Zammit***", Qorti Kummerc, 21 ta' Frar 1920 (***Vol XXIV pIII p780***), "gli attori dovevano almeno verificare che cosa fosse divenuto della causa ed avrebbero potuto facilmente verificare che la sentenza era stata data in tempo utile per la interposizione dell'appello.* ***Gli attori non pretendono che I fatti dai quali a loro giudizio, risultano i motivi per la ritrattazione siano venuti a loro cognizione dopo il decorrimento del termine per l'appello, ma bensi di non essersi curati di verificare, in tempo utile, che cosa fosse divenuto della causa e di essere venuti in cognizione della sentenza, dopo trascorso il termine per l'appello***".

"Jekk kellha tinghata interpretazzjoni differenti jkun ifisser li persuna li f'xi stadju ma tkunx kompliet issegwi l-kawza, jkollha dritt ghar-rimedju straordinarju minkejja li jkun in-nuqqas taghha stess li jkun cahhadha mill-jedd tal-appell. Certament li dan m'huwiex l-ispirtu tal-ligi.

"Kawza simili hi **Arthur Taliana et vs Godwin Falzon proprio et nomine** deciza mill-Qorti tal-Appell[3] fil-5 ta' Marzu 2003. F'dak il-procediment ir-ritrattandi kienu gew notifikat bl-avviz u pprezentaw risposta pero` naqsu milli jidhru f'erbgha seduta u nghatat sentenza kontra taghhom. Il-qorti kkonfermat li r-ritrattandi kienu baqghu passivi u naqqsu milli jidhru f'kull wahda mill-erbgha (4) seduti li kienu saru qabel is-sentenza. Il-qorti kkonkludiet li: *"Ma kien hemm xejn ghalhekk x'izomm lill-atturi milli huma wkoll jadoperaw l-ghodod procedurali disponibbli biex isostnu d-difiza taghhom fil-kawza l-ohra. U fuq kollox biex jinterponu appell formali u fiz-zmien statutorjament utli. Ma kien hemm xejn x'jipprekludihom milli jaghmlu dan u jsegwu l-kondotta tal-kawza u r-regolarita` tal-proceduri."*. F'dak il-kaz ukoll giet michuda t-talba ghal ritrattazzjoni.

[3] Imhallef P. Sciberras.

"M'hemmx dubju li r-ritrattanda m'ghandix jedd li ghat-traskuragni taghha tirrikorri ghar-rimedju straordinajru ta' ritrattazzjoni. Kieku r-ritrattanda agixxiet b'mod diligenti u wriet interess kienet tkun issir taf meta kellha tinghata s-sentenza. Kull ma kellha taghmel kien li tikkomunika mad-difensur taghha, li kien prezenti ghas-seduta tal-10 ta' Dicembru 2008 jew li tivverifika mal-ufficjali fir-Registru. Ir-ritrattanda kienet taf li din il-qorti ma kenitx qeghda taghti differimenti ta' xhur bejn seduta u ohra u ghalhekk ma messha qatt halliet zmien twil ighaddi biex tivverifika ghal meta giet differita l-kawza.

"**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi r-rikors billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tar-ritrattati u tichad it-talbiet tar-ritrattanda stante li ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija t-talba ta' ritrattazzjoni ma tistax tigi ammessa. Spejjez kontra r-ritrattanda.**

"**Fir-rigward tat-twaqqif tal-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-4 ta' Frar 2009, il-qorti tirrileva li ghalkemm il-garanzija mposta bid-digriet tal-20 ta' Marzu 2009 saret gurnata tard (fit-2 ta' April 2009 u mhux fl-1 ta' April 2009), il-qorti ma tqiesx li ghandha tirrevoka l-imsemmi digriet li bih ordnat it-twaqqif tal-ezekuzzjoni tas-sentenza. Dan meqjus ukoll li r-ritrattati talbu u ottjenew il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni in kawtela tal-jeddijiet taghhom.**"

**Rikors tal-appell tar-ritrattanda Maria Assunta Spiteri**

Ir-ritrattanda hassitha aggravata bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interponiet appell minnha b'rikors prezentat fil-24 April 2009.

Fil-qosor, l-aggravji taghha huma s-segwenti:

1. Illi t-test li applikat l-ewwel Qorti huwa zbaljat u mhux kontemplat mill-Artikolu 812 tal-Kap. 12. L-istess artikolu jistipula li darba jirrizulta lill-Qorti li l-parti tkun saret taf bil-fatti li taw lok ghar-ritrattazzjoni wara li jaghlaq iz-zmien tal-appell, dik il-parti tkun intitolata li titlob ir-

ritrattazzjoni lil hinn minn kull konsiderazzjoni ohra ta' diligenza jew xort'ohra.

2. L-appellanti kienet assidwa u diligenti u kienet qed issegwi l-kawza. Hija ppartecipat f'kull hin fl-andament tal-kawza u ma kienx tort taghha li f'xi zmien is-seduta giet imhassra u tilfet l-orjentament tal-kawza meta l-kawza bdiet tigi differita minn gimgha ghal gimgha.

Ghal dawn ir-ragunijiet ir-ritrattanda talbet ir-revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-ritrattati.

**Risposta tar-ritrattati appellati.**

Ir-ritrattati appellati Joseph Micallef u Dorianne Micallef wiegbu li s-sentenza appellata hija wahda gusta u timmerita li tigi konfermata, prevja c-cahda tal-appell bl-ispejjez kontra r-ritrattand.

L-appellati jsostnu li (1) r-ritrattanda m'ghandha ebda dritt ta' appell minn ritrattazzjoni u hawn huma ghamlu referenza ghal diversi sentenzi tal-Qrati taghna, (2) kwantu ghall-appell innifsu, l-appellanti kienet qed issegwi l-proceduri wkoll tramite l-avukat taghha u l-prezenza taghha u tal-avukat difensur taghha f'dawn il-proceduri huma xhieda tal-fatt li hija kienet taf jew messha tkun taf b'dak li kien ghaddej. L-appellanti m'ghandhiex tigi ppremjata bir-rimedju tar-ritrattazzjoni minhabba l-inerzja taghha.

Ghalhekk talbu li s-sentenza appellata tigi kkonfermata u t-talbiet tal-appellanti jigu michuda, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Illi l-aggravju principali tal-appellanti huwa li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta iddecidiet li hi kienet negligenti fl-operat taghha u missha kienet taf bil-fatti li taw lok ghal din ir-ritrattazzjoni kieku kienet aktar deligenti u segwiet il-kawza kif suppost. L-appellanti tikkontendi li b'harsa

hafifa lejn il-process il-Qorti tinduna li hi kienet assidwa u diligenti u li ppartecipat f'kull hin fl-andament tal-kawza u ma kienx tort taghha li f'xi zmien is-seduta giet imhassra u tilfet l-orjentament taghha.

Biex wiehed jifhem ahjar kif tmexxiet il-kawza quddiem l-ewwel Qorti li semghet il-mertu tal-kawza li taghha ntalbet ir-ritrattazzjoni, din il-Qorti se taghmel kronologija tal-fatti[4]:-

1. Permezz ta' rikors mahluf datat 8 ta' Gunju 2007 l-appellati talbu lill-ewwel Qorti tikkundanna lill-appellanti Spiteri sabiex tersaq ghall-pubblikazzjoni ta' bejgh u trasferiment tal-garage *semi basement* f'Ghajnsielem.

2. L-appellanti ressqet ir-risposta taghha fil-21 ta' Awwissu 2007.

3. Il-kawza giet appuntata ghat-18 ta' Settembru 2007 pero` dakinhar is-seduta ma saritx peress li kienet giet organizzata konferenza dwar l-emendi ricenti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Ghaldaqstant il-kawza giet differita ghat-26 ta' Settembru 2007.

4. Fis-26 ta' Settembru 2007 dehru biss l-atturi u d-difensur taghhom. Il-kawza giet differita ghall-31 ta' Ottubru 2007.

5. Fil-31 ta' Ottubru 2007 dehret l-appellanti mhux assistita u l-appellati assistiti. F'din is-seduta gew dikjarati maghluqa l-provi attrici. Il-kawza giet differita ghall-11 ta' Dicembru 2007.

6. Fil-11 ta' Dicembru 2007 deheru l-partijiet assisti fejn l-appellanti tat ix-xhieda taghha. Il-kawza giet differita ghat-22 ta' Jannar 2008 ghall-kontinwazzjoni tal-provi tal-appellanti.

[4] Ara process anness skond ordni ta' din il-Qorti tas-17 ta' Mejju 2010.

7. Fit-22 ta' Jannar 2008 deher l-appellat assistit u d-difensur tal-appellanti fejn xehed certu Vincent Zammit u l-kawza giet differita ghall-11 ta' Frar 2008.

8. Fil-11 ta' Frar 2008 deher l-appellat assistit u d-difensur tal-appellanti. Kompla jixhed ix-xhud Vincent Zammit u Pierre Buontempo. Kawza differita ghall-21 ta' April 2008.

9. Fil-21 ta' April 2008 dehru l-appellati u d-difensuri tal-partijiet. Xehed Pierre Buontempo. Kawza differita ghall-14 ta' Lulju 2008 sabex l-appellanti tiddikjara xi provi fadlilha.

10. Fl-14 ta' Lulju 2008 deheru biss l-appellati assistiti. F'din is-seduta il-Qorti iddeplorat il-fatt illi l-appellanti minkejja li nghatat appuntament ta' saghtejn ma dehritx u ghalhekk fis-seduta ma seta' jsir xejn[5]. Il-Qorti iddikjarat maghluqa l-provi tal-appellanti u ddiferiet il-kawza ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-2 ta' Ottubru 2008 bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet.

11. Il-partijiet ipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet taghhom fl-14 ta' Awwissu 2008 u fl-1 ta' Ottubru 2008 rispettivament.

12. Fit-2 ta' Ottubru 2008 dehru l-appellati assistiti. Kawza differita ghas-sentenza ghall-10 ta' Ottubru 2008.

13. Fl-10 ta' Ottubru 2008 deheru l-appellati mhux assistiti u l-appellanti assistita. Il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u ordnat li fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2008 jidher in-Nutar Andre` Farrugia sabiex isirulu domandi mill-Qorti.

14. Fil-11 ta' Novembru 2008 is-seduta giet differita peress li l-Magistrat sedenti kien jinsab imsiefer. Kawza differita ghal-10 ta' Dicembru 2008.

[5] Sottolinejar ta' din il-Qorti

15. Fl-10 ta' Dicembru 2008 deheru l-appellati assistiti u d-difensur tal-appellanti. Xehed in-Nutar Andre` Farrugia. Kawza differita ghas-sentenza ghal-4 ta' Frar 2008.

16. Fl-4 ta' Frar 2008 deher id-difensur tal-appellati. Il-kawza giet deciza.

17. Minn din is-sentenza ma sarx appell.

Dana l-elenku kronologiku kien bzonnjuz ghaliex <u>jemergi car u mill-ewwel</u> illi l-appellanti ma kinitx daqshekk assidwa u diligenti kif issottomettiet fir-rikors tal-appell taghha. Il-prezenza taghha fil-kors tal-kawza kienet wahda nieqsa ghall-ahhar anke meta l-kawza kienet differita ghall-provi taghha.

Tajjeb li jinghad ukoll, illi kif abbondantement ripetut mill-Qrati taghna, ir-rimedju li jipprovdi l-istitut tar-ritrattazzjoni hu wiehed straordinarju, bir-regoli specjali tieghu, u ma jippermetti ghalhekk l-ebda liberalita` zejda jew dipartizzjoni mir-regoli li jarginawh.

<u>Ammissibilita` ta' appell minn ritrattazzjoni</u>

Fejn ir-ritrattazzjoni tikkoncerna sentenza tal-ewwel grad hemm test li r-ritrattand irid jeghleb, u cioe` li jrid jipprova li l-fatti illi minhabba fihom qieghed jitlob ir-ritrattazzjoni sar jaf bihom wara li jkun ghalaq iz-zmien tal-appell (l-Artikolu 812 tal-Kap 12).

L-appellati, fir-risposta taghhom, qajjmu l-punt preliminari dwar l-ammissibilita` o meno ta' dan l-appell stante li qeghdin isostnu li ghandhom dubbji serji dwar kemm jista' jsir appell minn sentenza ta' ritrattazzjoni quddiem il-Prim Awla li tkun cahdet it-talba ghar-ritrattazzjoni. L-istess appellati ccitaw in sostenn ta' dan is-sentenza **Carmel Attard v. Mario Debono et** deciza fis-7 ta' Ottubru 2005 fejn kien gie deciz minn din il-Qorti, diversament komposta, illi "*gialadarba l-ligi ma taghtix lill-attur appellant id-dritt pretiz minnu ta' azzjoni biex jintenta l-azzjoni odjerna, multo magis l-istess attur appellant ma jistax legalment ikollu dritt ta' appell mis-sentenza tal-qorti*

*tal-prim'istanza li biha giet michuda t-talba tieghu ghal ritrattazzjoni"*

Din il-Qorti taqbel ma' dan ir-ragjonament u ghalhekk hija tal-fehma illi l-appellanti ma setghetx tipprocedi b'dan l-appell wara li l-ewwel Qorti cahditilha t-talba taghha ghal ritrattazzjoni u dan ghar-ragunijiet elenkati fl-imsemmija sentenza.

<u>*Test* applikat mill-ewwel Qorti</u>

Illi l-Qorti tista', jekk trid, tieqaf hawn pero` thoss li ghandha tirrileva wkoll li fil-kaz in ezami r-ritrattanda kienet ipprezentat talba ghal ritrattazzjoni abbazi tal-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 in kwantu r-ritrattanda sostniet li fis-sentenza tal-4 ta' Frar 2009 il-Qorti applikat il-ligi hazin. Izda pero` fis-sentenza **Gauci v. Gauci** deciza mill-Prim Awla fil-31 ta' Ottubru 1895[6] gie ritenut li r-ritrattazzjoni mhix ammessa mill-prim istanza minhabba applikazzjoni hazina tal-ligi, billi l-parti sokkombenti ma' tista' qatt tghid li ndunat biha wara d-dekorriment tat-terminu tal-appell. Dik is-sentenza qalet hekk:

"Le sentenze di prim istanza non possono essere ritrattate sul motivo di falsa applicazione di legge; dacche` questo vizio, non potendo essere ignorato nel giorno della pronunziazione della sentenza, fa di sua natura mancare la condizione della legge perche` possano essere ritrattate le sentenze di prim istanza passate in giudicato, cioe` che i fatti dai quail risultano i motivi per la ritrattazione, sieno venuti a notizia della parte interessata dopo il decorrimento del termine stabilito per l'appello".

Din il-Qorti jidhrilha wkoll li l-appellanti kellha attitudni negligenti fil-perkors tal-kawza li ddecidiet il-mertu. Kif gie diversi drabi ritenut, u kif anke rriteniet l-ewwel Qorti, il-procedura straordinarja ta' ritrattazzjoni mhix a disposizzjoni ta' dawk li ma jkunux kuranti fil-kawza taghhom. La darba l-appellanti giet debitament notifikata bir-rikors guramentat u bis-smiegh tal-kawza, dehret ukoll

[6] Vol.XV p 266.

f’xi seduti u sahansitra intavolat nota ta’ osservazzjonijiet, ma jistax ragjonevolment jinghad illi ma setghetx b’minimu ta’ diligenza ssir taf meta kienet se tinghata s-sentenza.

Ma jiswa xejn l-argument tal-appellanti, ghal kollox infondat, illi d-differimenti fil-Qorti tal-Magistrati Ghawdex isiru minn sitt xhur ghal sitt xhur. Apparti l-fatt li ma jirrizultax illi dan hu l-kaz, lanqas li kieku kien, l-appellanti kienet fid-dover taghha li ssegwi l-kawza u l-iskop tad-differimenti. Inoltre jidher li fis-seduta tal-10 ta’ Dicembru 2008 meta l-istess kawza giet differita ghas-sentenza kien prezenti d-difensur tal-appellanti. L-inqas li setghet ghamlet l-appellanti kien li tikkomunika mad-difensur taghha biex tinghata t-taghrif opportun. Din il-Qorti tiddeplora l-fatt li l-appellanti, tramite l-avukat taghha, ppruvat tezonera lilha nfisha minn kull responsabbilita` ghall-agir negligenti taghha billi tipprova titfa l-istess htija fuq il-Qorti li ma ddiferietx il-kawza ghal zmien twil bizzejjed sakemm hi tkun komda tivverifka d-differiment tal-kawza!

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Cassar Parnis v. Gustavo Soler et** deciza mill-Prim Awla fil-11 ta’ Marzu 1949[7]: *“il-legislatur jaghti lil kull interessat f’dik is-sentenza l-mezzi biex iwaqqghuha bhala nulla, u jekk huwa ma juzax dawk ir-rimedji ma ghandux ghal fejn jilmenta mill-inflessibbilita` tal-principju tal-irrevokabbilita` tal-gudikat”.* Ftit li xejn jinhtieg li din il-Qorti zzid ma’ dan il-kliem.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-appell qieghed jigi respint u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a karigu tal-appellanti Maria Assunta Spiteri.

**< Sentenza Finali >**

[7] Vol. 33 p1 p 344.

---------------------------------TMIEM---------------------------------